Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 390/2016

Il-Pulizja

Spettur Antonovich Muscat

Vs

Omissis, Sharon Camilleri

Illum 23 ta' Frar, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Sharon Camilleri detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 310969 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn l-ahhar snin, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Ghamlu atti ta' money laundering billi :-

   i) Ikkonvertew jew trasferew propjeta` meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-propjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita` kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f' attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b' ohra ta' l-origini tal-propjeta jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f' attivita kriminali;

ii) Hbew jew wrew haga b’ ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta`, meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-propjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’ attivita kriminali;

iii) Akkwistaw, ippussesaw jew uzaw propjeta’ meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’ attivita kriminali;

iv) Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta’ propjeta’ meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’ attivita kriminali;

v) Ittentaw jaghmlu l-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) Agixxew bhala komplici fit-tifsir ta’ l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta’ hawn fuq;

Ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373, u l-artikolu 18 tal-Kap.9, Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat / i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti iddikjarat lill-imputata m' hiex hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjoniji.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tghaddi sabiex issib lill-appellata hatja l-akkuzi dedotti fil-konfront taghha u sussegwentament tinfliggi l-piena skond il-ligi relevanti u li tkun gusta u adegwata ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fil-15 ta' Lulju tas-sena 2016 l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest in kwantu l-ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli fehma ta' l-esponent, manifestament ghamlet enuncjazzjoni zbaljata ta' l-ipotesi tal-ligi (partikolarment dwar l-oneru tal-prova aspetta lil prosekuzzjoni meta si

tratta ta' reati ai termini tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) li finalment wasal ghall-apprezzament zbaljat tal-provi hekk kif imressqa quddiemha u konsegwentament dan l-apprezzament zbaljat tal-fatti wasslu sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti tillibera lill-qua appellata.

Illi mill-qari tas-sentenza mghotija mill-ewwel Ororabbli Qorti jirrizulta illi l-istess Qorti illiberat lill-appellata in vista tal-fatt illi fil-fehma ta' l-istess Qorti l-prosekuzzjoni kellha tipprova n-ness bejn l-attivita kriminali u l-qua appellata, haga li skond l-istess Qorti ma saritx u konsegwentament l-appellata giet illiberata stante illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat dan fis-sentenza taghha wara li fl-istess sentenza hija kkristallizat il-punti legali dwar l-oneru tal-prova f' kazijiet li jikkoncernaw reati ai termini ta' l-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt l-ewwel Onorabbli Qorti stess fis-sentenza taghha taghmel referenza ghal dak illi jistipula l-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta partikolarment fl-artikoiu 3 (3) li jaghmel referenza ghall-artikolu 22 (1 C) (b) tal-Kapito!u 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula:

*"Fi procedimenti ghal reat taht il-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, meta l-prosekuzjoni ggib prova li l-imputat jew akkuzat ma jkun ta' l-ebda spjegazzjoni li dawk il-flus, propjeta' jew rikavat ma kienux flus, propjeta' jew rikavat kif deskrittai fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza lecita ta' dawk il-flus, propjeta' jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkuzata"*

Illi din il-posizzjoni giet ikkristallizata b' diversi sentenzi, inkluz f' dawk is-sentenzi imsemmija u citati fis-sentenza fil-konfront ta' Sharon Camilleri. Jrid jinghad illi waqt l-investigazzjonijiet ta' l-pulizija kemm illum il-mejjet Giuseppe Cutajar kif ukoll il-partner tieghu l-qua appellata Sharon Camilleri ghazlu li ma joffru l-ebda gustifikazzjoni ghad-diskrepanza bejn id-dhul legittimu taghhom u l-proprjeta' [inkluz flejjes) li kienet fil-pussess taghhom.

Fil-fatt jekk wiehed jara l-istqarrijiet taghhom it-tnejn wiehed jara illi twegiba ghal kull mistoqsija li saritilhom mill-Ispettur giet invarjabilment imwiegba "Naghze1 ma nirrispondiex". Illi kien biss quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti illi l-appellata Sharon Camilleri permezz tax-xhieda taghha ippruvat toffri gustifikazzjoni ta' kif setghu gew dawk il-flejjes f' isimha. Hawnhekk hi spjegat illi numru ta' rgiel li hija kellha relazzjoni maghhom tawha rigali konsistenti fi flus kbar ta' Ewro. Spjegat ukoll illi l-bqija kienu flus li hija kienet qed izomm ghall-ommha. Illi dwar dawn il-gustifikazzjonijiet, partikolarment l-ewwel wahda, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet kategorika fl-apprezzament taghha. L-ewwel Onorabbli Qorti fl-ebda hin ma ddikjarat illi l-gustifikazzjoni li tat Sharon Camilleri sabitha kredibbli jew altrimenti kienet tali li tiggustifika d-diskrepanza bejn l-introjtu legittimu ta' Sharon Camilleri u Giuseppe Cutajar u l-proprjeta' (inkluz flus) fil-pussess taghhom.

"Il-Qorti mhix ta' subajha f' halqa u ghandha dubji serji dwor il-provenjenza tal-flus. Il-Qorti mhix konvinta dwar l-istorja li provdiet id-difiza dwar l-irgiel li kellha relazzjoni maghhom l-imputata u eluf li tawha tul ir-relazzjonijiet li kellha."[1]

Illi in oltre l-artikolu 2 (2 a) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

*"Persuna tista' tinstab hatja tad-delitt ta' money laundering taht dana l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' Qorti li tistabilixxi htija fir-rigward ta' l-attivita' kriminali sottostanti, liema attivita krriminali tista' tigi stabbibta minn prova cirkostanzjali jew prova ohra, minghajr il-htiega li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna ghall-offiza sottostanti."*

Illi fir-rigward ta' l-attivita' kriminali sottostanti r-reat ta' riciklagg ta' flejjes, li hu mehtieg sabiex wiehed jara jekk jissistux l-elementi tar-reat ta' riciklagg ta' flejjes skond dak iddikjarat minn din id-disposizzjoni, m' huwiex illi l-akkuzat ikollu kundanna ta' reat kriminali precedent izda ikun bizzejjed

[1] Fol. 29 tas-sentenza appellate fil-konfront ta' Sharon Camilleri

jekk din l-attivita' kriminali titressaq prova cirkustanzjali taghha hekk kif fil-fatt fil-fehma ta' l-esponent sar f' dan il-process. Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi Giuseppe Cutajar kien maghruf mal-Pulizija rigward reati ta' serq u hold ups u dana minkejja li l-pulizija qatt ma rnexxielha tressaq lill-istess Cutajar il-Qorti b' dawn l-akkuzi. Illi in oltre Cutajar kien gie investigat u kienu nbdew procedure kriminali fil-konfront tieghu rigward l-omicidju ta' Kevin Gatt. Di piu' jrid jinghad illi l-pulizija rceviet informazzjoni kunfidenzjali li l-mejjet Giuseppe Cutajar kien qed jaghmel uzu minn safety deposit mal-Bank of Valletta, liema safety deposit box kienet f' isem l-appellata Sharon Camilleri. Illi hamest ijiem wara l-omicidju ta' Kevin Gatt, l-appellata kienet marret il-fergha tal-Bank of Valletta gewwa Marsascala u tablet biex tiftah is-safety deposit box f' isimha. Hija u hierga minn hemm hija tablet lil wiehed mill-kaxxiera sabiex jghodd somma fi flus kontanti, liema somma kienet tammonta ghal Eur 13,500.

Illi ghalkemm mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-qua appellate kienet direttament involuta f' attivita' kriminali sottostanti ghar-reat addebitat lilha f' dawn il-proceduri (kuntrarjament ghal Giuseppe Cutajar illum mejjet), dana ma jnqaas xejn mill-elementi tar-reat addebitat lill-appellata f' dawn il-proceduri. Dana ghaliex dawn il-flejjes u propjeta' kienet qed izommhom f' isimha ( att illi wahdu jikkostitwixxi r-reat ta' riciklagg ta' flejjes) u dana meta,hekk kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem, l-appellata kienet ben konsapevoli tac-cirkostanzi tal-partner taghha li minnhu kellha zewgt itfal senjament illi dawk il-flejjes li hi kienet qed izomm f' isimha kienu gejjin minn attivita' kriminali (jew ta' l-inqas 'suspett' ta' tali origini ).

Illi fir-rigward tac-cirkostanzi u l-mezzi ta' Giuseppe Cutajar u l-qua appellate Sharon Camilleri, irid jinghad illi mill-atti processwali jirrizulta illi Cutajar kien ilu ma jkun irregistrat ghax-xoghol sa mis-sena 2003 u Sharon Camilleri sa mis-sena 1988, izda fl-istess hin Cutajar kellu irregistrati f' ismu tlett karozzi. Sharon Camilleri u Giuseppe Cutajar flimkien xtraw

yacht ghall-ammont ta' Eur 13,500, liema ammont thallas fi flus kontanti. Sharon Camilleri f' isimha kella ukoll safety deposit box fi hdan il-Bank of Valletta li kienet tikkontjeni f' isimha l-ammont ta' Eur 82,080 fi flus kontanti flimkien ma ammont ta' gojjelli. Dana in oltre ghall-propjeta' ohra appartenti lilhom hekk kif jirrizulta mill-atti processwali. Illi dina l-propjeta' ma tirriflettiex il-mezzi ta' zewgt persuni bit-tfal illi sempliciment qed jghixu biss minn dak mghoti lilhom mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali.

Illi f' dan il-kuntest il-prosekuzzjoni kif spjegat iktar il fuq irnexxielha tipprova, anke bi provi cirkostanzjali, ir-reat kriminali sottostanti fir-rigward ta' Giuseppe Cutajar, li l-ahhar xoghol irregistrat tieghu kien fl-2003. Il-prosekuzzjoni resqet ukoll provi illi l-qua appellate Sharon Camilleri kellha relazzjoni ma Giuseppe Cutajar mil-liema relazzjoni l-koppja kellhom zewgt ulied. L-ahhar xoghol irregistrat tal-qua appellate kien fl-1988. Ghaldaqstant il-flejjes mizmuma mill-Bank of Valletta u propjeta l-ohra li l-istess koppja kellhom jezorbitaw bil-qawwa l-introjtu legittimu taghhom u dana hekk kif jirrizulta mill-process. Illi l-qua appellate Sharon Camilleri kienet ben konsapevoli ta' dawn ic-cirkostanzi [partikolarment illi zewgha u hi mhux jahdmu izda madankollu kellhom propjeta konsiderevoli fil-pussess taghhom] u li per konsegwenza l-appellata kienet taf ukoll jew ta' l-inqas kellha suspett li dik il-propjeta kienet rikavat t' attivita' illegali. L-esponent ifakkar illi ma ghandux mill-bon sens il-fatt illi zewgt persuni ma jahdmux izda fl-istess hin ikollhom il-mezzi li kellhom Camilleri u Cutajar[2]. Dana qieghed jinghad iktar il-ghaliex ghalkemm mhux legalment mizzewgin jirrizulta illi Sharon Camilleri u Giuseppe Cutajar kellhom relazzjoni stabbli bejniethom tant illi kellhom zewgt itfal flimkien. Dana necessarjament ifisser illi l-mezzi ghall-ghajxien tal-familja gew diskussi bejniethom. U anke jekk fil-kaz inverosimili illi tali mezzi ma gewx diskussi, ic-cirkostanzi hawn fuq imsemmija kienu bizzejjed sabiex Sharon Camilleri ikollha dak 'is-suspett'

[2] Dana anke meta tittiehed in konsiderazzjoni x-xhieda mghotija mill-istess appellate Sharon Camilleri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

rikjest mill-artikolu 2 [rez applikabbli bl-artikolu 3] tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi hekk kif gie spjegat iktar 'il fuq u anke hekk kif rikonoxxut fis-sentenza taghha mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-prosekuzzjoni pruvat ir-reat kriminali sottostanti fil-konfront ta' Giuseppe Cutajar. Illi fil-fehma ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova n-ness bejn l-attivita kriminali u l-qua appellate. Illi hekk kif jirrizulta mill-provi prezentati, l-irwol ta' l-qua appellata Sharon Camilleri kien dak illi tiffacilita' u tassisti ir-riciklagg ta' flejjes in-naha ta' Giuseppe Cutajar u dana anke billi zammet il-flus fis-safety deposit box mal-Bank of Valletta f' isimha. B' dan il-mod fl-opinjoni tal-prosekuzzjoni hija rrendiet ruhha ukoll responsabbli tar-reat ta' riciklagg ta' flejjes [anke sahansitra bhala awditur] galadarba hija minn ta' l-inqas kellha 's-suspett' ta' l-attivita kriminuza sottostanti in vista tac-cirkostanzi spjegati aktar 'il fuq.

Illi f' dan ir-rigward l-esponent jerga' jaghmel referenza ghall-grad tal-prova lit rid tilhaq il-prosekuzzjoni f' kaz ta' procedure ai termini ta' l-Kapitolu 373 ta' l-Ligijiet ta' Malta u jaghmel referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Jannar 2012, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carlos Frias Matteo fejn dina l-Onorabbli Qorti rriteniet is-segwenti:

> *'Issa peress li l-artikolu 2 (2) (a) ta' l-istess Art jezimi mir-responsabilita' l- prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precedenti in konnessjoni ma xi attivita' kriminali, <u>kull ma ghandha l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna ma kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi l-indirizzarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m' ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tipprova huwa fuq grad ta' prima facie illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus.</u>* ***<u>Darba ssir din il-prova fil-</u>***

***grad imsemmi, ikun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.'***

Illi jekk wiehed janalizza l-fatti tal-kaz odjern fid-dawl ta' dak illi ntqal fis-sentenza hawn fuq citata, jirrizulta bl-iktar mod car illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li hawn fuq citata, jirrizulta bl-iktar mod car illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li l-propjeta' [inkluz flejjes] li nstabet fil-pessess u f' isem il-qua appellata Camilleri ma kienux konformi ma' l-mezzi ta' ntrojtu legali ta' l-istess Camilleri u ta' dan l-istess Camilleri lill-pulizija ma tathomx spjegazzjoni [hekk kif jirrizulta mill-istqarrija ta' l-istess appellata]. Illi fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, Camilleri hekk kif inghad iktar 'il fuq, tat il-gustifikazzjoni taghha liema gustifikazzjoni l-Ewwel Onorabbli Qorti hekk kif iddikjarat fis-sentenza taghha stess, ma sabitx kredibbli u ghaldaqstant ma setghetx tistrieh fuqha. **F' dawn ic-cirkostanzi, fl-umli fehma ta' l-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex triq ohra ghajr illi ssib htija fil-qua appellata. Dana partikolarment in vista tac-cirkostanzi ta' l-qua appellata u Giuseppe Cutajar [illum mejjet], minn fejn b' mod inekwivoku jirrizulta l-appellata kienet konsapevoli jew minn ta' l-inqas kellha suspett dwar l-origini illecita ta' tali flejjes u / jew propjeta'. Illi bir-rispett kollhu lejn l-Ewwel Oonorabbli Qorti, il-prova aspettanti mill-prosekuzzjoni rigward in-ness bejn l-attivita kriminuza u l-qua appellata saret, anke permezz ta' provi indizzjarji, u dana in konformita' mal-ligi u l-gurisprudenza tal-Qrati taghna f' dan ir-rigward. Il-fatt illi Qorti ma sabitx htija ifisser biss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qalbet l-oneru tal-prova fuq il-prosekuzzjoni u dana kuntrarjament ghal dak stipulat fl-artikolu 3 [3] tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.**

In vista ta' dak suespost, l-esponent umilment jirritieni illi l-Ewwel Onorabbli Qortima kelliex triq ohra fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hlief li ssib htija fil-qua appellata rigward l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha u dan partikolarment fid-dawl ta': [1] l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, [2]

dak li jistipulaw l-artikolu 3 [3] u 2 [2] [a] tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta; u [3] fid-dawl tal-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti stess fis-sentenza taghha ddikjarat bl-iktar mod inekwivoku illi hija ma ssibx kredibbli l-verzjoni mghotija mill-qua appellata sabiex tiggustifika l-ussess ta' dawk il-flejjes mal-Bank of Valletta u l-propjeta' l-ohra kollha.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali imsejjes kollu kemm hu fuq l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti meta din wasslet ghal konkluzjoni illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova in-ness bejn il-flus u l-mobbli l-ohra misjuba fil-pussess ta'l-appellata u xi attivita' kriminali sottostanti. Il-fatt illi l-appellata kellha relazzjoni ma' certu Guzeppi Cutajar, illum defunt u li kien ko-akkuzat maghha ma setax iwassal lill-Ewwel Qorti ghal konkluzjoni illi l-ammont sostanzjali ta' flus li instabu f'*safety deposit box* intestata f'isem l-appellata, fejn hemmhekk instabu wkoll ammont kbir ta' gojelli, kienu provenjenti minn xi attivita kriminali.

Issa din il-Qorti tqies illi ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha f'ezami ta' natura legali tar-reat tal-hasil tal-flus billi l-Ewwel Qorti ghamelt studju approfondit fir-rigward u anke iccitat diversi decizjonijiet tal-qrati taghna fosthom hemm riprodott *verbatim* l-esposizzjoni legali maghmula mill-Qorti tal-Magistrati, kif ippresjeduta f'dak iz-zmien minn din il-qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateo. Kwindi a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti mhijiex ser tiddilunga fuq dan l-aspett tar-reat addebitat lill-appellata.

Issa dak li jilmenta minnu l-Avukat Generali huwa il-fatt illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ghaddiet biex illiberat lill-appellata mill-akkuza tal-hasil tal-flus, madanakollu din stqarret fid-decizjoni taghha illi ma kenitx qed taghti affidabilita lill-gustifikazzjoni li ippruvat taghti l-appellata dwar il-provenjenza ta'l-assi li instabu f'isimha u ticcita dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn l-Ewwel Qorti stqarret illi:

*"mhix ta' subajha f'haqlha u ghandha dubji serji dwar il-provenjenza tal-flus. Il-Qorti mhix konvinta dwar l-istorja li provdiet id-difiza dwar l-irgiel li kellha relazzjoni maghhom l-imputata u l-eluf li tawha tul r-relazzjonijiet li kellha."*

Illi l-Avukat Generali ukoll jidhirlu, kuntrarjament ghal dak deciz mill-Ewwel Qorti, illi kien hemm provi cirkostanzjali li kienu jindikaw illi kien hemm attivita' kriminali sottostanti f'dan il-kaz u dan ghaliex is-sieheb ta'l-appellata u li kien ko-akkuzat maghha, id-defunt Giuseppe Cutajar kien bniedem maghruf mal-pulizija rigward reati ta'serq u *hold-ups* ghalkemm qatt ma tressaq il-qorti in konnessjoni mal-kummissjoni ta'l-istess. Tant hu hekk illi huwa kien jinsab akkuzat bl-omicidju ta' certu Kevin Gatt u li hamest ijiem wara li sehh dan l-omicidju l-appellata gibbdet is-somma ta' €13500 mis-*safety deposit box* li kienet intestata f'isimha mal-Bank of Valletta. Fil-fehma ta'l-Avukat Generali kien hemm provi cirkostanzjali li jindikaw illi l-appellata ghal ta'l-inqas kellha suspett illi l-flus li kien hemm depozitati fis-*safety deposit box* ta' 'il fuq minn €80000 u ghadd ta' gojelli kellhom provenjenza kriminuza. Dan ghaliex:

1. Hija kienet is-siehba ta' Cutajar u kellha zewgt itfal minnu.
2. Cutajar kien maghruf mal-pulizija illi kien involut f'attivita kriminali.
3. Kemm l-appellata kif ukoll Cutajar ma kellhomx impjieg u ma kienux jaghmlu xoghol bi qligh u kienu ilhom jircevu l-assistenza socjali ghal diversi snin.
4. Kemm Cutajar kif ukoll l-appellata kellhom diversi assi intestati f'isimhom fosthom flus, gojelli, vetturi lussuzi u anke bcejjec tal-bahar fosthom *yatch* li kien f'isem l-appellata, li ma jirriflettux il-mezzi ta' tnejn minn nies b'familja li ighixu bil-previdenza socjali

Illi allura l-Avukat Generali jishaq illi f'dawn ic-cirkostanzi l-appellata messha kellha is-suspett illi l-flus li kellhom bejniethom hi u s-sieheb taghha kellhom provenjenza illecita.

Dak li johrog mill-atti probatorji, izda, huma is-segwenti fatti:

1. Illi kien hemm relazzjoni bejn certu Guzeppi Cutajar u l-appellata u li minnha twieldu zewgt itfal li pero' mhumiex irregistrati fuq isem Cutajar. Din ir-relazzjoni bdiet fis-sena 2009.
2. L-appellata tircevi bl-assistenza socjali bir-rata ta' €111.73 fil-gimgha.
3. Illi f'isimha instabet *safety deposit box* b'il fuq minn €80000 fiha li infethet f'Jannar tal-2003. Fiha kien hemm ghadd kbir ta' gojelli kostuzi ta' valur qrib l-€10000, u ghandha dghajsa jew *pleasure yatch* f'isimha tal-valur ta' madwar €13000, li hi tallega li mhijiex taghha izda ta' Cutajar ghalkemm tidher f'isimha.
4. L-ispjegazzjoni moghtija mill-appellata dwar il-provenjenza ta'dawn l-assi appartenenti liha giet skartata mill-Ewwel Qorti bhala inverosimili.
5. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni tallega illi Cutajar kien maghruf mal-pulizija fuq reati ta' serq u *hold-ups*, prova dwar dan ma hemmx fl-atti bl-uniku prova dik ta'l-Ispettur Keith Arnaud li ighid li Cutajar kien akkuzat bl-omicidju ta' certu Kevin Gatt, xhieda piuttost xotta li giet interrotta mid-difiza, fejn ghalkemm l-Ewwel Qorti stqarret li kienet ser tiehu decizjoni fuq din l-oggezjoni tad-difiza dwar jekk l-Ispettur kellux jixhed dwar l-istharrig li kien sar fuq Cutajar in konnessjoni mal-qtil ta' Kevin Gatt, dan qatt ma sar.

Issa huwa minnu illi kif inghad mill-Ewwel Qorti, l-mezzi ta' l-ghejxien ta' Sharon Camilleri ma jikkorisspondux ma'l-istil ta' hajja taghha b'ammont konsiderevoli ta' flejjes u gojelli fil-pussess taghha meta ghandha zewgt itfal, mhijiex mizzewwga u tghix bl-assistenza socjali, izda dak li kien jenhtigielha tipprova qabel xejn il-Prosekuzzjoni kien illi tezisti xi attivita' kriminali sottostanti u li allura kien hemm in-ness bejn il-flejjes li instabu fil-pussess ta'l-appellata u din l-attivita'. Ma hemmx l-icken prova in atti li tindika illi Cutajar kien involut f'xi attivita' kriminali ghajr ghax-xhieda skarna tal-ispettur Keith Arnaud li ighid li kien investiga lil Cutajar fuq omicidju. Dan l-involviment ta' Cutajar f'allegat serq u *hold-ups* huma kollha tajjar fl-ajru billi ma hemmx indikazzjoni wahda ta' x'*hold ups* kienu jew x'serq seta' kien,

jew jekk forsi xi gojelli li instabu fis-*safety deposit box* kenux provenjenti minn dan l-allegat serq biex b'hekk jigi stabbilit xi attivita' kriminali u kwindi xi ness ma'l-appellata. Lanqas il-fedina penali ta' Cutajar ma hija wahda allarmanti u kwindi l-Prosekuzzjoni ma tistax tghid li irnexxielha tipprova anke sal-grad tal-*prima facie* illi kienet ghaddejja xi attivita' kriminali da parti ta' dan Cutajar.

*Di piu'* l-appellata tghid illi fiz-zmien li kienet taf lil Cutajar huwa kellu introjtu ta' flus billi kien jaghmel xoghol ta' sensar u anke ighin lil hutu bin-negozju taghhom tal-helu fost xogholijiet ohra li issemmi. Jidher illi ghalkemm hija kellha zewgt itfal minn Cutajar madanakollu dawn qatt ma ghexu taht l-istess saqaf b' Cutajar ighix mas-siehba tieghu certu Susan Callus li minnha huwa ukoll kellu zewgt ulied.

Maghdud dan allura din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti gustament ma setatx issib htija fl-appellata billi ghalkemm huwa minnu illi l-piz tal-prova jinxtehet fuqha biex taghti gustifikazzjoni tal-flejjes li instabu fil-pussess taghha, madanakollu <u>l-ewwel u qabel kollox</u> il-Prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova, u dan almenu *prima facie,* illi kien hemm xi attivita' kriminali sottostanti u kwindi hemm ness bejn din l-attivita' u l-flejjes li instabu fil-pussess ta'l-appellata. Din il-prova hija mankanti. Ma huwiex bizzejjed illi l-Prosekuzzjoni tghid illi l-appellata kellha relazzjoni ma' Joseph Cutajar li kien ghaddej process kriminali fuq omicidju u li l-pulizija kienu jafu li kellu xi konnessjoni ma' xi serq u *hold-ups* minghajr ma iggib l-icken prova dwar dan. Fejn hi l-prova ta'l-agir suspettuz ta' Cutajar? Fejn hi l-prova allura illi dan l-agir gie segwit bit-transazzjonijiet ta' flus f'ammonti li jistghu jitqiesu eccessivi? Fejn hu n-ness bejn dan ic-caqliq ta' flus u l-appellata? Fuq kollox jidher illi l-appellata fethet is-*saftey deposit box* mertu tal-kaz fil-bidu tal-2003 (u uzatha regolarment kull sena sussegwenti), fiz-zmien allura meta kienet ghada lanqas iltaqghet ma' Cutajar, izda kienet qed tiffrekwenta lil certu Kevin Falzon, kif mistqarr minnha. Fuq kollox il-flejjes li instabu fil-pussess ta'l-appellata setghu gew minn xi attivita' kriminali mhux marbuta ma' Cutajar izda ma' xi rigiel ohra li Camilleri

issemmi li kellha relazzjonijiet precedenti magħhom! Kollox mibni fuq supposizzjonijiet u kongetturi u xejn fuq provi accertati.

Magħdud dan allura din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti u l-apprezzament minnha magħmul ta'l-atti probatorji.

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur